

Brussell, 19 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

17050/25

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0422 (COD)**

---

---

**SIMPL 218  
ANTICI 220  
MI 1084  
TRANS 664  
ENV 1432  
ENT 296  
SOC 860  
CODEC 2186**

## **PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	17 ta' Diċembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 993 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 561/2006, (UE) 2018/858, (UE) 2019/2144 u (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi u tal-proċeduri tat-testjar għall-vetturi motorizzati u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE u r-Regolament Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 993 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 993 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Strasburgu, 16.12.2025  
COM(2025) 993 final

2025/0422 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 561/2006, (UE) 2018/858, (UE) 2019/2144 u (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi u tal-proċeduri tat-testjar għall-vetturi motorizzati u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE u r-Regolament Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

{SWD(2025) 1056 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-katina tal-valur tas-settur awtomobilistiku hija pilastru tal-ekonomija tal-UE, li tirrappreżenta EUR 589,3 biljun u 3,7 % tal-valur miżjud totali tal-PDG tal-Ewropa, u impjieg dirett ta' 10,6 miljun Ewropew.<sup>1</sup>

F'ambjent kummerċjali dejjem aktar imprevedibbli, iż-żamma ta' industrija awtomobilistika robusta u kompetittiva hija essenzjali għas-salvagwardja tal-awtonomija strateġika u tal-pożizzjoni ekonomika globali tal-UE.

L-analiżi pprovduta mir-rapporti reċenti ta' livell għoli ta' Enrico Letta u Mario Draghi<sup>2</sup> tpoġġi t-naqqis ta' piżijiet regolatorji u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fost l-oġhla prijoritajiet. Filwaqt li l-qafas regolatorju eżistenti jgħib prevedibbiltà u jgħin biex jintlaħqu l-objettivi komuni tal-politika pubblika tagħna, madankollu, dan ma għandux ipoġġi piż u kostijiet mhux dovuti fuq l-industrija. Dan l-aħħar, rappreżentanti mill-industrija awtomobilistika tal-UE enfasizzaw li bejn issa u l-2030 irid ikun hemm konformità ma' għadd kbir ta' leġiżlazzjonijiet<sup>3</sup> mill-manifatturi tal-vetturi Ewropej, u f'ċerti każijiet dan jirriżulta sa 25 % tal-kostijiet tar-riċerka u żvilupp<sup>4</sup>.

Fil-linji gwida politiċi tagħha għall-Kummissjoni Ewropea 2024–2029<sup>5</sup>, il-President von der Leyen iddeskriviet viżjoni ffukata fuq il-prosperità sostenibbli u t-tishiġ tal-kompetittività madwar l-Ewropa, filwaqt li enfasizzat il-ħtieġa li n-negozju jsir aktar malajr u aktar faċli. Dan ġie deskritt ulterjorment bl-adozzjoni tal-Boxxla għall-Kompetittività f'Jannar 2025<sup>6</sup>, segwit mill-Patt għal Industrija Nadifa fi Frar 2025<sup>7</sup> u "Ewropa aktar sempliċi u aktar rapida": Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni<sup>8</sup>. Qafas regolatorju simplifikat b'piż amministrattiv innaqqas issemma bħala wieħed mill-pilastri fundamentali ta' dan il-pjan direzzjonali ġdid għall-kompetittività.

---

<sup>1</sup> Ċifri bbażati fuq id-data FIGARO tal-Eurostat: <https://ec.europa.eu/eurostat/web/esa-supply-use-input-tables/information-data#figaro>

<sup>2</sup> The Draghi report on EU competitiveness [https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report\\_en](https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_en)

<sup>3</sup> Il-proposta tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Vetturi (ACEA, European Automobile Manufacturers' Association) għal qafas regolatorju simplifikat <https://www.acea.auto/publication/acea-proposal-for-simplified-regulatory-framework/>

<sup>4</sup> ACEA policy paper EU regulatory framework for the decarbonisation of road transport <https://www.acea.auto/files/ACEA-policy-paper-EU-regulatory-framework-for-the-decarbonisation-of-road-transport.pdf>

<sup>5</sup> Linji Gwida Politiċi 2024–2029 [https://commission.europa.eu/priorities-2024-2029\\_mt](https://commission.europa.eu/priorities-2024-2029_mt)

<sup>6</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni - Boxxla għall-Kompetittività tal-UE COM(2025) 30 final <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025DC0030>

<sup>7</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni COM/2025/85 final <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025DC0085>

<sup>8</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Ewropa aktar sempliċi u rapida: Komunikazzjoni dwar l-implimentazzjoni u s-simplifikazzjoni COM/2025/47 final <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0047>

F'konformità ma' din l-aġenda ta' simplifikazzjoni, il-Pjan ta' azzjoni industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew<sup>9</sup>, adottat f'Marzu 2025, iddikjara li l-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, tiżviluppa pakkett ta' simplifikazzjoni regolatorja għall-industrija awtomobilistika, billi jittejjbu l-koerenza u l-konsistenza bejn rekwiżiti regolatorji differenti. Barra minn hekk, ħabbar ukoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tagħti, meta tagħmel proposti leġiżlattivi ġodda, biżżejjed żmien biex l-industrija tirrifletti dawn ir-rekwiżiti regolatorji ġodda għall-vetturi bil-mutur fil-proċess tal-iżvilupp tal-prodotti. Din l-aġenda ta' simplifikazzjoni hija partikolarment importanti fid-dawl tal-kumplessità dejjem akbar tal-iżviluppi u tal-arkitetturi tal-vetturi, inkluż is-software, il-mudelli tal-IA, u ż-żieda fl-awtonomija.

Wara l-impenji msemmija hawn fuq, l-omnibus awtomobilistiku se jissimplifika u se jirrazzjonalizza ċerti dispożizzjonijiet u proċeduri tal-atti li ġejjin biex jintlaħqu l-oġettivi speċifiċi li ġejjin:

- jitneħħew l-ostakli regolatorji għall-użu ta' vetturi kummerċjali ħfief elettriċi

Il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi huma itqal minħabba l-piż tal-batterija tagħhom. Filwaqt li għandhom l-istess tagħbija utli u każijiet ta' użu bħal vettura kummerċjali ħafifa b'magna tal-kombustjoni interna b'massa massima permissibbli ta' inqas minn 3,5 tunnelli, dawn jaqgħu fl-ambitu tar-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u tar-regoli ta' mistrieħ li jirrikjedu l-installazzjoni u l-użu tat-takografu għal vetturi kummerċjali b'massa massima permissibbli ta' aktar minn 3,5 tunnelli kif ukoll ir-rekwiżit li jkunu mġammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva. Dawn ir-rekwiżiti jagħmlu tali vetturi elettriċi ħfief b'massa ta' aktar minn 3,5 tunnelli inqas attraenti għall-klijenti, li ħafna minnhom huma intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises) u mikrointrapriżi, minħabba l-kostijiet involuti fl-installazzjoni u fl-użu ta' takografu<sup>10</sup> u regolatur tal-veloċità eċċessiva. Tali piż addizzjonali jfixkel l-użu ta' vannijiet elettriċi meta mqabbla ma' vannijiet simili b'magna tal-kombustjoni, li għalhekk jista' jirriżulta wkoll f'diffikultà akbar biex il-manifatturi tal-vetturi jilħqu l-miri ta' prestazzjoni tas-CO<sub>2</sub> għal vetturi kummerċjali ħfief.

Din il-kwistjoni ġiet rikonossuta wkoll u tqieset fir-reviżjoni reċenti tad-Direttiva tal-UE dwar il-Liċenzji tas-Sewqan<sup>11</sup>, fejn liċenzja tal-kategorija B se tkun valida, sentejn wara li tkun inħarġet għall-ewwel darba, għal vetturi b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,5 tunnelli iżda ta' mhux aktar minn 4,25 tunnelli.

**Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006<sup>12</sup>:** Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ għas-sewwieqa ta' vetturi involuti fit-trasport bit-

<sup>9</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew COM/2025/95 final <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0095>

<sup>10</sup> It-takografu huwa l-apparat li jirreġistra l-ħin tas-sewqan, il-pawżi u l-perjodi ta' mistrieħ kif ukoll il-perjodi ta' xogħol ieħor u d-disponibbiltà tas-sewwieqa involuti fit-trasport ta' merkanzija jew tal-passiġġieri bit-triq.

<sup>11</sup> Id-Direttiva (UE) 2025/2205 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2025 dwar il-liċenzji tas-sewqan, li temenda r-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 383/2012 (ĠU L, 2025/2205, 5.11.2025 <http://data.europa.eu/eli/dir/2025/2205/oj>).

<sup>12</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-

triq ta' merkanzija, kif ukoll għas-sewwieqa involuti fit-trasport bit-triq ta' passiġġieri, b'għan li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta fost l-operaturi tat-trasport bit-triq, li jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa, u li jingħata kontribut għas-sikurezza fit-toroq. L-apparat ewlieni użat biex jikkontrolla l-ħinijiet tas-sewqan u l-perjodi ta' mistrieħ huwa t-takografu. L-installazzjoni, il-kostruzzjoni u l-użu tat-takografu huma regolati mir-Regolament (UE) Nru 165/2014<sup>13</sup>.

**Ir-Regolament (UE) 2019/2144<sup>14</sup>:** magħruf ukoll bħala r-Regolament dwar is-Sikurezza Ġenerali (GSR, General Safety Regulation), dan ir-Regolament jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-sikurezza tal-vetturi tal-UE għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, inkluż dawk li jindirizzaw it-tħassib speċifiku tal-utenti vulnerabbli tat-triq, bħall-persuni bil-mixi u ċ-ċiklisti. Jinkludi wkoll ir-rekwiżit li l-vetturi N2<sup>15</sup> ikunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva.

- It-tnaqqis tal-kostijiet ta' aġġustament relatati mat-testijiet tal-emissjonijiet Euro 7

Ir-Regolament Euro 7 (UE) 2024/1257<sup>16</sup> jistabbilixxi fl-Artikolu 14(7) li l-metodi għall-kejl tal-emissjonijiet ta' inkwinanti għandhom jirriflettu dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/1151<sup>17</sup> (jiġifieri, Euro 6). Madankollu, filwaqt li f'Euro 6 ġew stabbiliti limiti tal-

---

Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1–14 <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2006/561/oj/mlt>)

<sup>13</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġislazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1–33 <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2014/165/oj/mlt>)

<sup>14</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE) Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, pp. 1–40 <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj/mlt>).

<sup>15</sup> Skont id-definizzjoni tar-Regolament (UE) 2018/858 l-Artikolu 4 l-paragrafu 1(b)(ii): vetturi bil-mutur b'massa massima ta' aktar minn 3,5 tunnelli iżda ta' mhux aktar minn 12-il tunnelli

<sup>16</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj/mlt>)

<sup>17</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 tal-1 ta' Ġunju 2017 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi, li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1230/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 692/2008 (ĠU L 175, 7.7.2017, p. 1–643 <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2017/1151/oj/mlt>). 1–643 <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2017/1151/oj/mlt>)

emissjonijiet speċifiċi – ferm ogħla – għal test tal-laboratorju f'temperatura baxxa, ir-Regolament Euro 7 ma fiha limiti tal-emissjonijiet iddedikati għal dik il-proċedura tat-test speċifika. Ir-rekwiżit ta' konformità mal-limiti ġenerali tal-emissjonijiet skont tali test tal-laboratorju f'temperatura baxxa jmur kontra l-intenzjoni tal-Artikolu 14(7) u jżid il-piż regolatorju għall-manifatturi tal-vetturi kif ukoll għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip nazzjonali mingħajr ebda benefiċċju għall-prestazzjoni ambjentali.

Barra minn hekk, l-Anness V tar-Regolament Euro 7 jirrikjedi testijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta' magni ta' vetturi heavy-duty għal kull tip ta' vettura. Dan ir-rekwiżit se jintroduċi piż amministrattiv u regolatorju mhux meħtieġ billi jimmultiplika t-testijiet mingħajr ma jipprovi benefiċċji ambjentali addizzjonali. Dan ma huwiex allinjat mal-intenzjoni tal-koleġiżlaturi li jsaħħu l-limiti tal-emissjonijiet għall-vetturi heavy-duty filwaqt li jżommu l-metodi ta' ttestjar stabbiliti tar-Regolament Euro 6.

Fl-aħħar nett, ir-Regolament Euro 7 ma huwiex speċifiku dwar il-metodi għall-ipproċessar tad-data riċevuta minn sistemi ta' monitoraġġ abbord (OBM, on-board monitoring) u apparati għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija (OBFCM, on-board fuel and electric energy consumption monitoring) preżenti f'vetturi Euro 7, li jistgħu jwasslu għal approċċi mhux armonizzati u ineffiċjenti li jżidu l-kostijiet fuq il-manifatturi u l-awtoritajiet tal-vetturi.

**Ir-Regolament (UE) 2024/1257:** magħruf ukoll bħala Euro 7, dan ir-Regolament ikopri l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, magni, u sistemi u komponenti relatati fir-rigward tal-emissjonijiet u tad-durabbiltà tal-batterija tagħhom. Jintroduċi wkoll miżuri għall-monitoraġġ abbord tal-emissjonijiet, għall-prestazzjoni tal-batterija, u għar-rendiment tal-emissjonijiet matul il-ħajja ta' vettura.

- It-titjib tal-koerenza u l-evitar tal-frammentazzjoni tas-suq (l-istorbju; l-interoperabbiltà tal-vettura ma' infrastruttura tal-irriċarġjar u grilja)

Ir-Regolament (KE) Nru 540/2014<sup>18</sup> jistabbilixxi valuri ta' limitu obligatorji għal kategoriji differenti ta' vetturi u l-iżvilupp ta' sistemi akustiċi ta' twissija tal-vetturi (AVAS, acoustic vehicle alerting systems) għall-vetturi elettriċi. Fl-istess ħin, ir-regolament tal-UE dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur jirrikonoxxi l-konformità mar-Regolamenti tan-NU dwar l-istorbju u l-AVAS bħala alternattiva. Peress li r-Regolament (KE) Nru 540/2014 ma jinkludix mekkaniżmu biex jiġu aġġornati r-rekwiżiti f'konformità mal-iżviluppi tan-NU, dan ħoloq sett parallel ta' regoli biex tinkiseb approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'lakuni u b'inkonsistenzi potenzjali għall-industrija awtomobilistika, għall-approvazzjoni tat-tip nazzjonali u għal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

**Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014:** Ir-Regolament (KE) Nru 540/2014 għandu l-għan li jnaqqas is-sorsi ewlenin ta' storbju kkawżat mill-vetturi bil-mutur. Ir-regolament jistabbilixxi valuri ta' limitu għall-istorbju għall-kategoriji differenti ta' vetturi, jistabbilixxi regoli dwar it-tikkettar u l-informazzjoni għall-konsumatur, u l-iżvilupp ta' sistemi akustiċi ta' twissija tal-vetturi (AVAS) għall-vetturi elettriċi.

<sup>18</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131–195 <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2014/540/oj/mlt>)

Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass mgħaġġel u l-penetrazzjoni tal-vetturi elettriċi fis-suq qed tiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettrika qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà — fil-livell tal-UE — huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li bħalissa qed jiġu żviluppati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (DDC 2.0 - ir-Regolament (UE) 2016/1388<sup>19</sup> u r-Regolament RfG 2.0 (UE) 2016/631<sup>20</sup>). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-vettura għall-grilja (V2G, vehicle-to-grid), dawn il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għal dawn ir-raġunijiet għandha tiġi stabbilita setgħa lill-Kummissjoni fi ħdan ir-Regolament (UE) 2018/858.<sup>21</sup>

**Ir-Regolament (UE) 2018/858:** huwa l-qafas ġenerali li jistabbilixxi regoli għall-UE kollha dwar ir-rekwiżiti u l-proċeduri tekniċi biex jiġi żgurat li tipi ġodda ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti approvati mill-UE dwar is-sikurezza u l-protezzjoni ambjentali. Għandu l-għan li jgħolli l-livell tal-kwalità u tal-indipendenza tal-approvazzjoni tat-tip ta' vettura.

– L-aċċellerazzjoni tal-użu ta' vetturi elettriċi żgħar affordabbli

Bħalissa hemm nuqqas ta' vetturi elettriċi żgħar affordabbli fis-suq Ewropew. Is-segmenti A u B tilfu ammont ikkombinat ta' 1,6 miljun f'volum ta' bejgħ meta mqabbel mal-2019, u fl-2024 70 % tal-bejgħ il-ġdid tal-vetturi elettriċi bil-batterija (BEV, battery electric vehicle) kienu karożżi kbar (segmenti E u F) u vetturi utilitarji sportivi (SUVs, sport utility vehicle)<sup>22</sup>. Dan iseħħ flimkien ma' xejra ġenerali ta' żieda fil-prezzijiet tal-vetturi madwar l-UE, u dan jagħmel l-aċċess għas-sjieda ta' vetturi minn individwi, progressivament diffiċli biex jinkiseb minn ħafna unitajiet domestiċi ta' klassi medja. Għalhekk, f'Settembru 2025, il-President tal-Kummissjoni ħabbret inizjattiva għall-karożżi żgħar affordabbli li għandha l-għan li tinċentiva s-suq għall-vetturi elettriċi żgħar. Dan se jirrikjedi miżuri regolatorji mmirati. Il-Kummissjoni se tagħmel hilita biex tiffriża rekwiżiti ġodda għal 10 snin u tipproponi inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi għal vetturi elettriċi żgħar. L-inizjattiva tista' twassal ukoll għal inċentivi fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju riżervat għall-parkeġġ), kompatibbli mar-regoli dwar l-għajjnuna mill-Istat, fejn

<sup>19</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10–54 <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj/mlt>).

<sup>20</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1–68 <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32016R0631&qid=1765439921702>).

<sup>21</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1 <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02018R0858-20240701>).

<sup>22</sup> Is-“segmenti” tal-vetturi jirreferu għal klassijiet ta' daqs informali użati b'mod komuni fis-suq Ewropew. Segment A: karożżi żgħar ħafna (eż. karożżi żgħar ħafna tal-bliet). Segment B: karożżi żgħar/superminis. Segment C: karożżi ta' daqs medju-baxx/kompatt. Segment D: karożżi ta' daqs upper-medium/medju. Segment E: karożżi eżekuttivi/ta' daqs sħiħ. Segment F: vetturi lussużi/flagships. Dawn il-kategoriji huma konvenzjonijiet deskrittivi aktar milli klassijiet definiti legalment.

applikabbli. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ li tizzied definizzjoni ta' karożza elettrika żgħira fil-leġiżlazzjoni dwar il-vetturi bil-mutur li tista' tintuża għal miżuri mmirati fil-leġiżlazzjoni tal-UE u mill-Istati Membri. Dan iwassal għal simplifikazzjoni għan-negozji, isaħħaħ l-argument għall-vijabbiltà biex jinbnew karożżi elettriċi żgħar affordabbli bi profitt fl-Ewropa u jnaqqas il-prezz għall-konsumaturi.

Din il-proposta hija biss l-ewwel pass biex titwettaq l-aġenda ta' simplifikazzjoni għall-industrija Ewropea awtomobilistika. Din tinkludi biss għadd limitat ta' miżuri ta' simplifikazzjoni mmirati, iżda effettivi. Fil-kuntest tas-simplifikazzjoni, il-partijiet ikkonċernati qajmu kwistjonijiet oħra dwar is-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju għall-industrija awtomobilistika li ma humiex indirizzati f'dan l-Omnibus iżda li se jiġu kkunsidrati fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni ulterjuri tal-leġiżlazzjoni dwar il-vetturi bil-mutur. Bħala parti mill-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati, l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tal-Vetturi (ACEA) kienet ikkwotata madwar 130 biċċa leġiżlazzjoni futura li jaffettwaw l-industrija awtomobilistika.<sup>(23)</sup>

Madankollu, din il-lista mill-ACEA tinkludi kważi 70 aġġornament tar-Regolamenti tan-NU, li f'dan il-punt ma humiex kollha obligatorji fil-leġiżlazzjoni tal-UE. Minn dawn, il-Kummissjoni Ewropea identifikat madwar 40 emenda tar-Regolamenti eżistenti tan-NU jew Regolamenti ġodda tan-NU li l-Kummissjoni se tipposponi jew mhux se tadotta fl-UE.

Barra minn hekk, l-aġenda ta' simplifikazzjoni se tkun ibbażata fuq il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

#### Ir-raggruppament tar-rekwiżiti regolatorji f'lottijiet

Il-Kummissjoni tista' tiġbor flimkien rekwiżiti regolatorji speċifiċi ġodda għall-vetturi bil-mutur meta tistabbilixxi dati tal-applikazzjoni obligatorji fil-leġiżlazzjoni sekondarja – sakemm il-leġiżlatur ma jkunx stabbilixxa data differenti fl-att legali. Ikun hemm “data ta' konformità awtomobilistika” unika stabbilita, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-konformità regolatorja għan-negozji.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tiżgura, sa fejn ikun legalment possibbli, li għal leġiżlazzjoni speċifika mhux awtomobilistika jiġi stabbilit mekkaniżmu biex jiġi żgurat li r-rekwiżiti għas-settur awtomobilistiku jidħlu fis-seħħ fid-“data ta' konformità awtomobilistika”.

#### Ir-rispett taż-żmien meħtieġ għall-industrija

Fil-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku tal-UE, il-Kummissjoni impenjat ruħha li, meta tagħmel proposti leġiżlattivi, tagħti biżżejjed żmien biex l-industrija tirrifletti tali rekwiżiti regolatorji ġodda fil-proċess tal-iżvilupp tal-prodotti. Dan huwa prinċipju

<sup>23</sup> Ir-Regolament REACH; ir-Regolament dwar il-Klassifikazzjoni, l-Ittikettar u l-Imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlittiet; ir-Regolamenti dwar il-Pollutanti Organiċi Persistenti; ir-Regolament dwar il-Batteriji; id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli; l-Att dwar id-Data; ir-Regolament dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra; id-Direttiva dwar ir-restrizzjoni ta' sustanzi perikolużi; l-Att dwar il-Materja Prima Kritika; ir-Regolament Ewropew dwar Prodotti Sostenibbli; id-Direttiva dwar it-Tagħmir tar-Radju; id-Direttiva dwar il-Voltaġġ Baxx; id-Direttiva dwar il-Kompatibbiltà Elettromanjetika; id-Direttiva dwar l-Oġġetti Pirotekniċi; ir-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi; l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali; ir-Regolament dwar is-Sorveljanza tas-Suq; id-Direttiva dwar l-Apparat ta' Pressjoni; id-Direttiva dwar ir-Reċipjenti taħt pressjoni; id-Direttiva dwar l-Apparat ta' Pressjoni Trasportabbli; id-Direttiva dwar is-Sistemi ta' Trasport Intelliġenti; il-Kodiċi tan-Network dwar il-Konnetturi tal-Grilja; l-Att dwar ir-Reżiljenza Ċibernetika; ir-Regolament dwar il-Makkinarju; id-Direttiva dwar l-Affidabbiltà Stradali.

ġenerali li l-Kummissjoni tinsab lesta li tirrispetta, iżda ma jistax jinbidel f'rekwiżiti legali f'Att Omnibus.

#### L-ambitu ta' rekwiżiti regolatorji ġodda

Fil-leġislazzjoni speċifika għall-vetturi bil-mutur, dejjem ikun hemm data tal-applikazzjoni differenti għat-tipi ta' vetturi ġodda u għall-vetturi ġodda kollha (jiġifieri, għat-tipi ta' vetturi eżistenti) biex titqies il-ħtieġa għall-iżvilupp mill-ġdid. F'ċerti każijiet, bħar-Regolament eCall, ir-rekwiżiti ġew stabbiliti biss għal tipi ġodda ta' vetturi. Id-deċiżjoni li ma jiġux regolati t-tipi ta' vetturi eżistenti jeħtieġ li tittieħed fuq bażi ta' każ b'każ, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet ta' żvilupp mill-ġdid tat-tipi ta' vetturi eżistenti, li jista' jkollhom impatt għoli fuq karozzi żgħar b'marġnijiet aktar baxxi, u l-benefiċċji tar-rekwiżiti regolatorji l-ġodda

#### Simplifikazzjoni tal-qafas tal-approvazzjoni tat-tip

Bil-veloċità dejjem akbar tal-innovazzjoni fl-industrija, b'mod partikolari x-xejriet dwar is-sewqan awtomatizzat u l-aġġornamenti tas-software, huwa xieraq li jiġi vvalutat il-potenzjal ta' simplifikazzjoni fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE għall-vetturi bil-mutur. Il-komplessità regolatorja tista' tkun restrizzjoni għall-manifatturi tal-UE fil-kompetizzjoni globali ma' manifatturi minn ġuriżdizzjonijiet oħra.

Fl-2026, il-Kummissjoni se ttwettaq evalwazzjoni tar-Regolament Qafas dwar l-Approvazzjoni tat-Tip ta' Vetturi bil-Mutur, ir-Regolament (UE) 2018/858. Dan se jgħin biex jiġi vvalutat il-potenzjal li jitnaqqsu l-kostijiet tal-ittestjar u tar-rapportar għall-industrija awtomobilistika. Analiżi preliminari mis-servizzi tal-Kummissjoni identifikat il-potenzjal li jitnaqqas l-għadd ta' testijiet tal-laboratorju matul l-approvazzjoni tat-tip billi jintuża ttestjar aktar virtwali u billi jintużaw Prattiki ta' valutazzjoni tar-riskju biex jiġi vvalutat kif it-testijiet *ex ante* jistgħu jiġu kkombinati bl-aħjar mod mal-monitoraġġ waqt l-użu (kif diġà applikat fir-Regolament Euro 7, fejn testijiet *ex ante* eħfef huma kkomplementati minn monitoraġġ abbord tar-rendiment tal-emissjonijiet).

#### • **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika kkonċernat**

Il-proposta hija parti minn pakkett ta' miżuri li jikkonċernaw il-kompetittività tal-industrija Ewropea awtomobilistika. Din għandha l-għan li tnaqqas il-kostijiet amministrattivi u ta' aġġustament għall-industriji biex jiġi żgurat suq uniku li jiffunzjona tajjeb għall-vetturi bil-mutur, filwaqt li jinżamm il-livell għoli ta' sikurezza u ta' prestazzjoni ambjentali stabbilit fil-qafas regolatorju.

#### • **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju għall-industrija awtomobilistika, kif imħabbar fil-**Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew**. Hija parti minn Pakkett Awtomobilistiku, flimkien mar-reviżjoni tal-prestazzjoni tas-CO<sub>2</sub> għall-karozzi u għall-vannijiet, id-Dekarbonizzazzjoni tal-Flotot Korporattivi u l-Battery Booster biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija awtomobilistika tal-UE fit-tranżizzjoni lejn mobbiltà mingħajr emissjonijiet.

F'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni, din l-inizjattiva ttejjeb il-koerenza u l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti regolatorji differenti. Hija timplimenta l-oġġettivi tal-Aġenda ta' Simplifikazzjoni u l-Istrateġija għas-Suq Uniku għall-industrija awtomobilistika. Il-miżuri ta' simplifikazzjoni ma jaffettwawx l-oġġettivi ta' politika wara r-regolamenti rilevanti. Il-miżuri jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija awtomobilistika billi jneħħu l-ostakli regolatorji għall-

użu ta' vetturi kummerċjali h'fief elettriċi, f'konformità mal-prestazzjoni tas-CO<sub>2</sub> għall-karozzi u għall-vannijiet. Il-miżuri ta' simplifikazzjoni ma jaffettwawx il-prestazzjoni ambjentali tal-vetturi u huma allinjati bis-sħiħ mal-objettivi ambjentali tat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u tal-istorbju ambjentali mill-vetturi bil-mutur. Il-miżuri ta' simplifikazzjoni ma jnaqqisx il-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi u huma allinjati bis-sħiħ mal-politiki tal-UE għas-sikurezza fit-toroq.

Barra minn hekk, l-Omnibus Diġitali<sup>24</sup> jipprovdi emendi tekniċi għal-leġiżlazzjoni diġitali relatata mas-settur awtomobilistiku, inkluż, iżda mhux limitat, għad-dħul ta' applikazzjoni għal dispożizzjonijiet tal-IA b'riskju għoli, għal ipproċessar residwu ta' data personali ta' kategorija speċjali għat-taħriġ, għall-ittestjar u għat-tħaddim tal-IA u għad-dispożizzjonijiet ta' konsolidazzjoni tal-liġijiet tal-UE dwar id-data.

## **2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

### **• Bażi legali**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 91 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-bażijiet legali oriġinali għall-adozzjoni tal-oqfsa settorjali, li din il-proposta għandha l-għan li temenda.

### **• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Ir-Regolamenti li għandhom jiġu emendati huma atti legali tal-UE. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-emendi ta' dawn ir-Regolamenti jsiru fil-livell tal-UE.

### **• Proporzjonalità**

L-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi tas-simplifikazzjoni u tat-tnaqqis tal-piż mingħajr ma titnaqqas il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.

### **• Għażla tal-istrument**

Din il-proposta temenda r-Regolamenti adottati bi proċedura leġiżlattiva ordinarja u għalhekk l-emendi ta' dawk ir-Regolamenti jeħtieġ li jiġu adottati b'Regolament f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

## **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

### **• Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

### **• Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fil-kuntest tad-Djalogu Strateġiku dwar il-Futur tal-Industrija Ewropea Awtomobilistika f'Jannar 2025 u l-Konsultazzjoni Pubblika dwar il-Futur tal-Industrija Ewropea

---

<sup>24</sup> Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/679, (UE) 2018/1724, (UE) 2018/1725, (UE) 2023/2854 u d-Direttivi 2002/58/KE, (UE) 2022/2555 u (UE) 2022/2557 fir-rigward tas-simplifikazzjoni tal-qafas leġiżlattiv diġitali, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2018/1807, (UE) 2019/1150, (UE) 2022/868, u d-Direttiva (UE) 2019/1024 (Omnibus Diġitali) (COM(2025) 837 final <https://digital-strategy.ec.europa.eu/mt/library/digital-omnibus-regulation-proposal>).

Awtomobilistika<sup>25</sup>, il-mexxejja tal-industrija qajmu l-ħtieġa għas-simplifikazzjoni tal-qafas regolatorju. Sussegwentement, il-Kummissjoni staqsiet dwar il-perspettivi tal-industrija u ta' partijiet ikkonċernati oħra f'diversi skambji bilaterali, permezz ta' sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet ikkonċernati li fihom proposti ta' simplifikazzjoni regolatorja, u f'laqgħa mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur.<sup>26</sup> Permezz ta' dan il-kontribut tal-partijiet ikkonċernati ħarġu diversi suġġerimenti għas-simplifikazzjoni jew għall-kjarifika ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni awtomobilistika u għat-tneħħija tal-piż amministrattiv mhux meħtieġ li jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet.

Fl-14 ta' Ottubru 2025, il-Kummissjoni Ewropea nediet Konsultazzjoni Mmirata mal-Partijiet Ikkonċernati fil-forma ta' sħarriġ online, bil-għan li tiġbor feedback dwar lista preliminari ta' emendi ta' regolamenti awtomobilistiċi eżistenti. Dan l-istħarriġ intbagħat lil aktar minn 130 parti kkonċernata (68 tweġiba) tal-industrija awtomobilistika, fosthom manifatturi tal-vetturi, manifatturi tal-komponenti awtomobilistiċi, assoċjazzjonijiet tal-industrija, NGOs, operaturi tal-flotta, awtoritajiet nazzjonali tal-approvazzjoni tat-tip, awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u awtoritajiet nazzjonali rilevanti oħra. Il-partijiet ikkonċernati ġew mistiedna jindikaw il-fehmiet tagħhom dwar lista preliminari ta' emendi, jiġifieri jekk jistennewx li l-miżuri jkollhom impatt ekonomiku, soċjali jew ambjentali pożittiv, newtrali jew negattiv, u impatt fuq il-piż regolatorju. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet diversi dokumenti ta' pożizzjoni mill-partijiet ikkonċernati, li jipprovdu suġġerimenti addizzjonali, data addizzjonali u stimuli addizzjonali tal-kostijiet li tqiesu fit-tneħħija ta' din il-proposta.

Fil-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati, ħareġ appoġġ qawwi għall-miżuri proposti.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-ħtieġa li titressaq b'mod urġenti proposta biex jiġu indirizzati l-problemi identifikati sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv għan-negozji u għall-awtoritajiet, ma kienx possibbli li titħejja valutazzjoni tal-impatt.

Madankollu, skont il-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, din il-proposta hija akkumpanjata minn dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jinkludi analiżi tal-impatti tal-miżuri proposti, abbażi ta' data u ta' informazzjoni eżistenti miġbura matul il-konsultazzjoni mmirata mal-partijiet ikkonċernati, il-kontribut bil-miktub riċevut mill-partijiet ikkonċernati.

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, huwa mistenni li l-emendi jkunu jinvolvu ffrankar sinifikanti fil-kostijiet annwali ta' EUR 706 miljun għall-industrija inkluż għall-SMEs, għaċ-ċittadini u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din il-proposta hija parti mill-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li tħaffef il-piż regolatorju għan-nies, għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-UE, biex tagħti spinta lill-prosperità u lir-reżiljenza tal-UE. Għalhekk, il-proposta għandha l-għan li tissimplifika d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni relatata mas-settur awtomobilistiku, tnaqqas il-piżijiet u l-kostijiet bla bżonn għan-negozji u għall-awtoritajiet, mingħajr ma ddgħajef il-protezzjoni tal-ambjent u l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi.

---

<sup>25</sup> Konsultazzjoni Pubblika dwar il-Futur tal-Industrija Ewropea Awtomobilistika [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14487-Future-of-the-European-automotive-industry\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14487-Future-of-the-European-automotive-industry_mt)

<sup>26</sup> Grupp ta' esperti tal-Kummissjoni b'rappreżentanti tal-Istati Membri u firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati mill-industrija awtomobilistika u mis-soċjetà ċivili

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea<sup>27</sup> u taderixxi mal-prinċipji rikonoxxuti fiha. It-tnaqqis tal-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji għandu jwassal għal kisbiet soċjetali f'termini ta' ħolqien tal-ġid, impjiegi u innovazzjoni. Fl-istess ħin, il-proposta tfittex li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-sikurezza tal-vetturi.

#### 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din l-inizjattiva ma hija se timplika l-ebda kost addizzjonali għall-Kummissjoni.

#### 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-ġodda u l-konformità magħhom. Barra minn hekk, ir-Regolamenti li se jiġu emendati b'din il-proposta huma soġġetti għal evalwazzjoni regolari tal-effiċjenza tagħhom, l-effettività tagħhom fl-ilħuq tal-oġġettivi, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tagħhom f'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar. Din il-proposta ma tirrikjedix pjan ta' implimentazzjoni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Emendi proposti għar-**Regolament (KE) Nru 561/2006**: l-ewwel emenda proposta hija li l-Istati Membri jitħallew jeżentaw il-vannijiet elettroniċi N2<sup>28</sup> - b'massa massima awtorizzata ta' aktar minn 3,5 tunnelli ta' iżda ta' mhux aktar minn 4,25 tunnelli - involuti esklużivament fit-trasport domestiku, mill-obbligu li jinstallaw takografi intelliġenti, sabiex jitqiegħdu fuq l-istess livell mal-ekwivalenti tagħhom ta' fjuwils fossili, il-vannijiet tad-diżil N1<sup>29</sup>.

L-impatt ewlieni mistenni għall-miżura proposta huwa kost imnaqqas għall-kumpaniji, b'mod partikolari għall-SMEs li huma l-utenti/ix-xerrejja primarji ta' tali vannijiet, li mhux se jkollhom aktar bżonn jinstallaw takografi intelliġenti għat-tip partikolari ta' vann elettroniku. Barra minn hekk, it-tneħħija tat-takografu se tiddetermina wkoll tnaqqis tal-piż/tal-kostijiet amministrattivi għall-kumpaniji/għas-sewwieqa li mhux se jibqa' jkollhom għalfejn inizzju d-data tat-takografu (minn sagħtejn sa 4 sigħat fix-xahar). Barra minn hekk, l-ilħuq ta' kundizzjonijiet ekwi bejn il-vannijiet tad-diżil N1 u l-vannijiet elettroniċi N2 permezz ta' prezzijiet imnaqqsa għal dawn tal-aħħar, se jgħin biex jiġi stimulat l-użu ta' tali vannijiet elettroniċi.

Karavans bil-mutur jew kombinazzjonijiet ta' karavans bil-mutur ta' aktar minn 7,5 tunnelli, jaqgħu wkoll fl-ambitu tar-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u r-regoli ta' mistrieħ u tal-installazzjoni u tal-użu tat-takografu.

Fil-kawża C-666/21 quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE)<sup>30</sup>, ċittadin argumenta li r-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 ma humiex maħsuba

<sup>27</sup> ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391, ELI: [http://data.europa.eu/eli/treaty/char\\_2012/oj](http://data.europa.eu/eli/treaty/char_2012/oj)

<sup>28</sup> Skont l-Artikolu 4(1)(b)(ii) tar-Regolament (UE) 2018/858, il-vetturi tal-kategorija N2 huma: vetturi bil-mutur b'massa massima ta' aktar minn 3,5 tunnelli ta' iżda ta' mhux aktar minn 12-il tunnelli

<sup>29</sup> Skont l-Artikolu 4(1)(b)(i) tar-Regolament (UE) 2018/858, il-vetturi tal-kategorija N1 huma: vetturi bil-mutur b'massa massima ta' mhux aktar minn 3,5 tunnelli.

<sup>30</sup> Sentenza - 02/03/2023 – Åklagarmyndigheten - Kawża C-666/21, EU:C:2023:149

għal utenti mhux kummerċjali u li tali vetturi ma għandhomx jiġu ttrattati bħala trasport kummerċjali. Madankollu, il-Qorti ddeċidiet li tali regoli jistgħu japplikaw għal utenti mhux kummerċjali b'vetturi ta' aktar minn 7,5 tunnelli. B'mod partikolari, il-Qorti ddeċidiet li “[i]l-kunċett ta' “trasport bit-triq ta' merkanzija”, [...] ikopri t-trasport bit-triq imwettaq minn vettura li l-massa massima awtorizzata tagħha, fis-sens tal-Artikolu 4(m) tar-Regolament Nru 561/2006, teċċedi s-7,5 tunnelli, inkluż meta tkun attrezzata sabiex isservi bħala spazju mhux biss ta' abitazzjoni privata temporanja, iżda wkoll ta' tagħbija ta' merkanzija għal finijiet mhux kummerċjali, mingħajr ma l-kapaċità ta' tagħbija ta' din il-vettura u l-kategorija li taqa' taħtha skont ir-reġistru nazzjonali tat-traffiku stradali ma jkunu rilevanti f'dan ir-rigward”.

Sabiex jiġi ċċarat il-qafas legali madwar il-każ speċifiku tal-karavans bil-mutur b'massa massima permissibbli ta' aktar minn 7,5 tunnelli użati għal raġunijiet privati, u biex tiġi pprovduta ċarezza legali lill-manifatturi u lill-klijenti ta' tali vetturi, it-tieni emenda proposta tikkonsisti fiż-żieda ta' paragrafu(i) ġdid/ġodda mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 li se tippermetti lill-Istati Membri jeżentaw il-karavans mir-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan u mill-perjodi ta' mistrieħ, u dwar it-takografu. Barra minn hekk, l-eżenzjoni ppjanata mill-obbligu tat-takografu fuq dawn il-vetturi se ġġib magħha kostijiet imnaqqsa u aktar fiduċja għas-sewwieqa, li jużaw karavans bil-mutur għat-turiżmu.

Emendi għar-**Regolament (UE) Nru 2019/2144**: l-emenda proposta hija li jiġu eżentati l-vannijiet elettroniċi N2 b'massa massima permissibbli ta' aktar minn 3,5 tunnelli u inqas minn 4,25 mill-obbligu li jkunu mġhammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva, u b'hekk jitqiegħdu fuq l-istess livell mal-ekwivalenti tagħhom ta' fjuwils fossili, il-vannijiet tad-diżil N1. .

L-impatt ewlieni mistenni għall-miżura proposta huwa kost imnaqqas għall-kumpaniji, b'mod partikolari għall-SMEs li huma l-utenti/ix-xerrejja primarji ta' tali vannijiet. L-iffrankar tal-kostijiet mhux biss se jirriżulta mill-kostijiet mhux imġarrba relatati mal-installazzjoni tar-regolatur tal-veloċità eċċessiva, iżda anke miż-żieda fil-flessibbiltà operazzjonali li tirriżulta mill-possibbiltà li dawn il-vetturi jinstantu b'veloċità kemxejn ogħla meta jkunu fuq l-awtostrada. Barra minn hekk, l-ilħuq ta' kundizzjonijiet ekwi bejn il-vannijiet tad-diżil N1 u l-vannijiet elettroniċi N2 permezz ta' prezzijiet imnaqqsa għal dawn tal-aħħar, se tgħin biex jiġi stimulat l-użu ta' tali vannijiet elettroniċi. Fl-aħħar nett, huwa importanti li jiġi enfasizzat li din l-eżenzjoni ma hijiex mistennija li tipproduċi xi effett negattiv fuq il-prestazzjoni ambjentali jew tas-sikurezza tal-vetturi affettwati. Emendi proposti għar-**Regolament (KE) Nru 2024/1257**: Il-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-“test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet” imsemmija fit-Tabella 1 u 2 tal-Anness V huma koperti mit-test “tal-inkwinant gassuż u tal-PN fl-ittestjar fit-triq tal-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE, real driving emissions)” fl-istess tabelli. Id-dimostrazzjoni tal-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f<sup>-7</sup> °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (RDE) (minn -7 °C sa 38 °C) u, għalhekk, jitqies iġġustifikat li jiġi eliminat it-test iddedikat tal-laboratorju ta' temperatura baxxa (Tip 6).

L-effetti mistennija mill-miżura proposta huma primarjament iċċentrati madwar il-preservazzjoni tal-intenzjoni tal-koleġiżlaturi li jżommu mar-regoli Euro 6 f'konformità mal-Artikolu 14(7) tar-Regolament (KE) Nru 2024/1257, li jnaqqsu l-piż regolatorju mingħajr ma joħolqu sfidi ta' konformità, u jipprovdu ċertezza legali.

Miżura proposta oħra tikkonsisti fir-referenza għal “kategoriji ta' vetturi” minflok “tipi ta' vetturi” għall-approvazzjoni tat-tip ta' magna Euro 7 (Unità Teknika Separata), jiġifieri, “Testijiet ta' dimostrazzjoni meħtieġa għall-fjuwils kollha li għalihom tingħata l-

approvazzjoni tat-tip għal kull kategorija ~~tat-tip~~ ta' vettura u dikjarazzjoni ta' konformità għall-fjuwils kollha, it-tagħbijiet utli kollha u l-kategoriji ta' vetturi applikabbli kollha fit-Tabelli 3, 4, 7 u 8 rispettivament tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257”.

Il-miżura proposta hija mistennija li twassal għal tnaqqis sostanzjali tal-piż regolatorju, kemm amministrattiv kif ukoll tal-ittestjar, mingħajr ma tikkomprometti l-istandards ambjentali. Dan jevita ttestjar ripetittiv ta' magni f'tipi differenti ta' vetturi li jużaw teknoloġija identika u jnaqqas il-kostijiet assoċjati ma' diversi approvazzjonijiet tat-tip u proċessi ta' ttestjar. Dan jappoġġa l-istabbiltà tas-suq u jista' potenzjalment iwassal għal prezzijiet aktar baxxi tal-vetturi, li jkunu ta' benefiċċju għall-operatori u għall-konsumaturi.

B'miżura oħra proposta, se jiġi ċċarat li l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tiżviluppa miżuri biex tiżgura li d-data dwar il-monitoraġġ abbord (OBM) u dwar il-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil (OBFCM) tiġi riċevuta, ikkompilata, ipproċessata u maħżuna b'mod effettiv, b'mod armonizzat biex tiġi mmonitorjata l-prestazzjoni fid-dinja reali tat-tipi ta' vetturi Euro 7.

Infrastruttura armonizzata tad-data tal-OBM/tal-OBFCM fil-livell tal-UE tista' tiġġenera ffrankar sostanzjali tal-kostijiet meta mqabbla ma' kull Stat Membru li jiżviluppa u jżomm is-sistemi tiegħu stess. L-iffrankar jirriżulta minn ekonomiji ta' skala, tnaqqis fid-duplikazzjoni, u proċessi ta' konformità armonizzati. Minflok ma jinteraġixxu ma' diversi sistemi nazzjonali, il-manifatturi tal-vetturi se jkunu jistgħu jittrażmettu data standardizzata darba, u b'hekk inaqqsu l-ispejjeż tal-integrazzjoni tas-software u taċ-ċertifikazzjoni.

Peress li r-**Regolament (KE) Nru 540/2014**<sup>[66]</sup> sar obsolet, qiegħed jiġi propost li r-Regolament jitħassar b'effett mill-1 ta' Lulju 2027. Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament 540/2014, id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE<sup>31</sup> titħassar mill-1 ta' Lulju 2027. Sabiex tiġi evitata kwalunkwe inċertezza legali possibbli, din il-proposta tikkonferma t-tħassir bl-istess data tad-dħul fis-seħħ.

Biex tiġi sostitwita r-referenza għar-Regolament imħassar, qiegħda tiġi proposta emenda għall-Anness II tar-**Regolament (UE) 2018/858** b'referenza għar-Regolamenti relatati mal-istorbju tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE): ir-Regolament Nru 51<sup>32</sup> dwar l-istorbju tal-vetturi tal-kategoriji M u N; ir-Regolament Nru 59<sup>33</sup> dwar is-sistemi tas-sajlenser ta' sostituzzjoni u r-Regolament Nru 138<sup>34</sup> dwar vetturi tat-trasport bit-triq silenzjużi jew AVAS.

L-emendi proposti biex issir referenza għar-Regolamenti tan-NU joħlqu kundizzjonijiet ekwi għall-manifatturi tal-karozzi tal-UE meta jbigħu l-karozzi tagħhom globalment billi jżommuhom milli jkollhom isegwu żewġ settijiet ta' regolamenti dwar l-istorbju. Il-bidliet

<sup>31</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (KEE) 70/157/ tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw il-livell permissibbli tal-ħoss u tas-sistema tal-exhaust tal-vetturi bil-mutur (ĠU L 42, 23.2.1970, p. 16–20 <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/1970/157/oj/mlt>).

<sup>32</sup> Ir-Regolament Nru 51 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi motorizzati li jkollhom mill-inqas erba' roti fir-rigward tal-emissjonijiet tal-ħoss tagħhom (ĠU L 138, 4.6.2018, p. 1–69 <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/HTML/?uri=CELEX:42018X0798>).

<sup>33</sup> Ir-Regolament Nru 59 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sistemi ta' sajlers ta' sostituzzjoni (ĠU L, 2025/844, 30.4.2025 <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/844/oj> ).

<sup>34</sup> Ir-Regolament Nru 138 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' Vetturi tat-Trasport bit-Triq Ħiemda fir-rigward tal-livell tal-ħoss imnaqqas tagħhom (ĠU L 9, 13.1.2017, p. 33–63 <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2017/71/oj/mlt> ).

proposti jneħħu wkoll kwalunkwe lakuna potenzjali u jirriżultaw f'qafas aktar sempliċi/aktar konsistenti għall-industrija awtomobilistika, għall-awtoritajiet tal-approvazzjoni tat-tip, u għall-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq bl-istess mod. Barra minn hekk, is-soċjetà u l-ambjent jibbenefikaw mill-ambitu mtejjeb li jirrestrinġi l-istorbju milli jkollu konsewgewenzi negattivi, minn attwaturi tal-ħoss, u minn sistemi ta' titjib tal-ħoss. Qegħdin jiġu proposti dispożizzjonijiet tranżizzjonali biex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel tal-industrija għall-qafas legali modifikat.

Emendi proposti għar-**Regolament (UE) 2018/858**: l-ewwel miżura proposta li temenda dan ir-Regolament tikkonsisti mill-introduzzjoni fl-Anness I, il-Parti A, il-punt 2 tar-Regolament (UE) 2018/858 ta' punt 2.4 ġdid li jiddefinixxi sottokategorija għal vetturi elettriċi żgħar.

L-emenda proposta se tippermetti li l-leġiżlazzjoni tal-UE timmira miżuri regolatorji lejn din is-sottokategorija speċifika, bil-ħsieb li tinċentiva l-produzzjoni u l-użu ta' vetturi elettriċi żgħar. Pereżempju, meta tiddeċiedi dwar id-dati tal-applikazzjoni tar-regolamenti futuri dwar il-vetturi bil-mutur, il-Kummissjoni se tqis l-impatt proporzjonalment ogħla fuq il-kostijiet tal-iżvilupp li r-rekwiżiti l-ġodda jista' jkollhom fuq il-vetturi elettriċi żgħar meta mqabbla ma' dawk itqal u aktar għaljin. Barra minn hekk, ġie introdott mekkaniżmu ta' inċentiv immirat [żid referenza għall-proposta ta' rieżami tas-CO<sub>2</sub>] fil-kuntest tal-istandards tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-vetturi fil-forma ta' superkrediti. Dan se jippermetti lill-manifatturi tal-vetturi jibbenefikaw mill-kontribut ta' vetturi elettriċi żgħar fl-ilħuq tal-mira ġenerali tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-flotta kollha, u dan jirriżulta f'inċentiv qawwi għall-manifatturi tal-vetturi biex jipproduċu u jikkummerċjalizzaw volumi ogħla ta' vetturi elettriċi żgħar. Barra minn hekk, kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku tal-UE, il-Kummissjoni għandha toħroġ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni b'għażliet għal skemi ta' inċentivi li, f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, urew li huma effettivi fil-promozzjoni tal-użu ta' vetturi b'emissjonijiet żero. Il-vetturi elettriċi kollha x'aktarx li se jibbenefikaw mir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni, inkluż il-vetturi elettriċi żgħar, kif definit fis-sottokategorija l-ġdida.

Il-benefiċċji mistennija ta' din l-emenda għandhom jiġu perċepiti miċ-ċittadini tal-UE f'termini ta' vantaġġi akbar meta jixtru jew jippossjedu karozza elettrika żgħira, iżda dan huwa soġġett għall-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki fil-livell nazzjonali.

Emenda proposta oħra għar-Regolament (UE) 2018/858 hija l-introduzzjoni ta' paragrafu 4 ġdid għall-Artikolu 5.

B'din il-miżura, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati li għandhom l-għan li jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi għal vetturi purament elettriċi (PEV, pure electric vehicles) u għal vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, off-vehicle charging hybrid electric vehicles), fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware tagħhom ta' dawk il-vetturi mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta' rriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.

Filwaqt li t-teknoloġija tal-vetturi elettriċi tavvanza malajr u l-interazzjoni bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċarġjar, u l-grilja elettrika qed tiġi regolata dejjem aktar minn leġiżlazzjoni mhux speċifika għas-settur (DDC 2.0 - ir-Regolament (UE) 2016/1388 u r-Regolament RfG 2.0 (UE) 2016/631), isir kruċjali li jkun hemm approċċ armonizzat għar-rekwiżiti tekniċi relatati mal-vetturi f'dan il-qasam biex jiġu evitati l-frammentazzjoni u l-piż u l-kostijiet amministrattivi bla bżonn.

Fil-futur, approċċ unifikat għall-interoperabbiltà se jkun essenzjali biex jitħaffef l-iżvilupp ta' servizzi emerġenti bħall-kapaċitajiet mill-vettura għall-grilja (V2G). Dawn is-servizzi jistgħu jappoġġaw l-istabbiltà tal-grilja, itaffu d-domanda massima, inaqqsu l-kostijiet tal-enerġija għas-sidien tal-vetturi elettriċi, u jippermettu adozzjoni usa' tal-enerġija rinnovabbli.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 561/2006, (UE) 2018/858, (UE) 2019/2144 u (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi u tal-proċeduri tat-testjar għall-vetturi motorizzati u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE u r-Regolament Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikoli 91 u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>35</sup>,

Wara li kkunsidra/kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni<sup>36</sup>,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Ir-rapport Draghi tal-2024 dwar il-kompetittività Ewropea<sup>37</sup> enfasizza li l-għadd u l-komplessità tar-regoli jirriskjaw li jillimitaw l-ispazju għall-immanuvrar għall-impriżi tal-Unjoni u jipprevjenuhom milli jibqgħu kompetittivi. Analiżi dettaljata tar-Regolamenti (KE) Nru 561/2006<sup>38</sup>, (UE) 2018/858<sup>39</sup>, (UE) 2019/2144<sup>40</sup> u (UE)

---

<sup>35</sup> ĠU C , , p .

<sup>36</sup> ĠU C , , p .

<sup>37</sup> [https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report\\_mt](https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_mt)

<sup>38</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/561/oj>).

<sup>39</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/858/oj>).

<sup>40</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar rekwiżiti tal-approvazzjoni tat-tip għall-vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, kif ukoll għas-sistemi, għall-komponenti u għall-unitajiet tekniċi separati maħsubin għat-tali vetturi, fir-rigward tas-sikurezza ġenerali tagħhom u tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-vetturi u l-utenti vulnerabbli tat-triq, li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 78/2009, (KE) Nru 79/2009 u (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 631/2009, (UE) Nru 406/2010, (UE) Nru 672/2010, (UE) Nru 1003/2010, (UE) Nru 1005/2010, (UE) Nru 1008/2010, (UE) Nru 1009/2010, (UE) Nru 19/2011, (UE) Nru 109/2011, (UE) Nru 458/2011, (UE) Nru 65/2012, (UE) Nru 130/2012, (UE) Nru 347/2012, (UE)

2024/1257<sup>41</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill indikat ukoll il-piż amministrattiv eċċessiv u l-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti stabbiliti fihom. Abbażi ta' dawk is-sejbiet, huwa xieraq li jiġu ssimplifikati ċerti obbligi fuq il-manifatturi u fuq l-awtoritajiet kompetenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni relatata mas-settur awtomobilistiku u li jitnaqqsu l-piżijiet u l-kostijiet bla bżonn għan-negożji u għall-awtoritajiet, mingħajr ma jiġu mminati l-protezzjoni tal-ambjent u l-prestazzjoni tas-sikurezza tal-vetturi.

- (2) Il-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku tal-UE<sup>42</sup> appella għal pakkett ta' simplifikazzjoni regolatorja għall-industrija awtomobilistika, billi jittejjbu l-koerenza u l-konsistenza bejn ir-rekwiżiti regolatorji differenti.
- (3) L-Artikolu 114 tat-TFUE huwa l-bażi legali xierqa biex jiġu adottati l-miżuri meħtieġa għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern. Minbarra l-Artikolu 114 tat-TFUE, jenħtieġ li dan ir-Regolament ikollu bażi speċifika addizzjonali biex ikopri l-emendi għar-Regolament (KE) Nru 561/2006 li hija bbażata fuq l-Artikolu 91 tat-TFUE.
- (4) Filwaqt li dan ir-Regolament huwa adottat għall-istabbiliment u għall-funzjonament tas-suq intern, is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi tal-vetturi bil-mutur, il-proċeduri tal-ittejtjar u r-regoli tal-approvazzjoni tat-tip jappoġġaw ukoll l-oġettiv usa' tal-Unjoni li trawwem l-integrazzjoni gradwali tal-pajjiżi kandidati fis-suq tal-Unjoni. Billi jippromwovi l-konverġenza regolatorja, l-allinjament mar-Regolamenti tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) u l-implimentazzjoni koerenti tal-acquis tal-Unjoni, dan ir-Regolament jikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' ostakli tekniċi għall-kummerċ, għat-tisħiħ tal-ktajjen tal-valur awtomobilistiċi Ewropej integrati u għat-tisħiħ tar-reżiljenza u tal-kompetittività tal-ekosistema awtomobilistika Ewropea, mingħajr ma tiġi affettwata l-awtonomija tad-dritt tal-Unjoni jew tat-teħid tad-deċiżjonijiet.
- (5) Sabiex jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sewwieqa, is-sikurezza fit-toroq u l-kompetizzjoni ġusta, ir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup> jirrikjedu l-installazzjoni ta' takografu f'vetturi tal-merkanzija b'piż ta' aktar minn 3,5 tonnelli. Madankollu, l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 jippermetti lill-Istati Membri jeżentaw minn dak ir-rekwiżit il-vetturi msemmija fl-Artikolu 13(1) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006.

---

Nru 351/2012, (UE) Nru 1230/2012 u (UE) 2015/166 (ĠU L 325, 16.12.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2144/oj>).

<sup>41</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1257 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, fir-rigward tal-emissjonijiet u d-durabbiltà tal-batterija tagħhom (Euro 7), li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 582/2011, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1151 ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2400 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1362 (ĠU L, 2024/1257, 8.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1257/oj>).

<sup>42</sup> Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku Ewropew (COM(2025) 95 final).

<sup>43</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/165/oj>).

- (6) Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u għalhekk huma soġġetti għar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu ta' dawk ir-Regolamenti. Il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 561/2006 u (UE) Nru 165/2014 tirrappreżenta sforz sinifikanti għall-operaturi u għas-sewwieqa tal-vetturi u tnaqqas ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija.
- (7) Sabiex jitnaqqsu l-kostijiet bla bżonn għall-manifatturi u għall-operaturi tal-vetturi, li ħafna minnhom huma kumpaniji żgħar u ta' daqs medju, jenħtieġ li jitneħħa r-rekwiżit tal-installazzjoni tat-takografu għall-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija b'piż ta' inqas minn 4,25 tunnellata.
- (8) Peress li huwa f'idejn l-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jużawx dik l-eċċezzjoni, jenħtieġ li l-eżenzjoni tapplika biss għall-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi involuti esklużivament fit-trasport domestiku.
- (9) Sabiex jitnaqqas il-piż li l-installazzjoni u l-użu ta' takografu jqiegħdu fuq is-sewwieqa mhux professjonali li jsuqu karavans kbar bil-mutur għal finijiet mhux kummerċjali u l-impatt li dan jista' jkollu fuq id-domanda għal tali vetturi, jenħtieġ li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu jistgħu jeżentaw tali vetturi u operazzjonijiet mir-regoli dwar il-ħin tas-sewqan u ta' mistrieħ u l-użu tat-takografu, dment li l-objettivi msemmija fl-Artikolu 1 ta' dak ir-Regolament ma jiġux ipperikolati.
- (10) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jippermetti l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' livell ta' ħoss u ta' sistemi akustiċi ta' twissija tal-vetturi jew permezz tar-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>44</sup> jew permezz tar-Regolamenti tan-NU, inklużi r-Regolamenti Nru 138<sup>45</sup>, Nru 51<sup>46</sup>, u Nru 59<sup>47</sup> tan-NU/KEE. Dik is-sistema parallela tirriskja li tikkawża frammentazzjoni tas-suq. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 sar obsolet minħabba defiċit ta' aġġornamenti meta mqabbel mat-tliet regolamenti tan-NU/KEE msemmija hawn fuq. Sabiex jiġi żgurat qafas koerenti u allinjament sħiħ mar-regolamenti tan-NU, ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 jenħtieġ li jitħassar, u l-Anness II tar-Regolament (UE) 2018/858 jenħtieġ li jiġi emendat biex jippermetti biss il-konformità mar-Regolamenti tan-NU applikabbli.
- (11) Hekk kif it-teknoloġija tal-vetturi elettriċi bil-batterija qed tevolvi b'pass mgħaġġel u l-għadd ta' vetturi elettriċi fis-suq qed jiżdied, l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-

<sup>44</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar il-livell ta' ħoss tal-vetturi bil-mutur u s-sostituzzjoni tas-sistemi tas-sajlenser, u li jemenda d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttiva 70/157/KEE (ĠU L 158, 27.5.2014, p. 131, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/540/oj>)

<sup>45</sup> Ir-Regolament Nru 138 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' Vetturi tat-Trasport bit-Triq Ħiemda fir-rigward tal-livell tal-ħoss imnaqqas tagħhom [2017/71] (ĠU L 9, 13.1.2017, p. 33, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg/2017/71\(1\)/oj](http://data.europa.eu/eli/reg/2017/71(1)/oj)).

<sup>46</sup> Ir-Regolament Nru 51 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni tal-vetturi motorizzati li jkollhom mill-inqas erba' roti fir-rigward tal-emissjonijiet tal-ħoss tagħhom [2018/798] (ĠU L 138, 4.6.2018, p. 1 ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/798/oj>).

<sup>47</sup> Ir-Regolament Nru 59 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sistemi ta' sajlers ta' sostituzzjoni [2025/844] (ĠU L, 2025/844, 30.4.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/844/oj>).

infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettriċa qed isiru dejjem aktar kritiċi. Approċċ armonizzat għall-interoperabbiltà fil-livell tal-Unjoni huwa essenzjali biex tiġi evitata l-frammentazzjoni ta' ċerti rekwiżiti tekniċi li qed jiġu żviluppjati barra mill-qafas tal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kodiċijiet tan-Network riveduti (kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388<sup>48</sup> u kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja stabbilit bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631<sup>49</sup>). Għalhekk, biex jiġu żgurati l-kapaċitajiet armonizzati tal-vetturi elettriċi bil-batterija u biex jiġu permessi servizzi interoperabbli mill-vettura għall-grilja, il-vetturi se jkollhom jissodisfaw ċerti rekwiżiti tekniċi. Għalhekk, biex tiġi żgurata l-interoperabbiltà bejn il-vetturi, l-infrastruttura tal-irriċċarġjar u l-grilja elettriċa, l-għoti tas-setgħa jenħtieġ li jiġi pprovdut fir-Regolament (UE) 2018/858 biex il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta' vetturi purament elettriċi (PEV) u ta' vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV) bl-infrastruttura tal-irriċċarġjar, bil-grilja elettriċa u bis-sistemi tal-elettriku stazzjonarji.

- (12) It-tranżizzjoni lejn trasport bit-triq aktar sostenibbli kienet prinċipalment xprunata mit-tkabbir fil-bejgħ ta' mudelli ta' vetturi elettriċi primjum. Madankollu, biex tiġi żgurata l-kontinwità ta' din it-tranżizzjoni, huwa meħtieġ li l-vetturi elettriċi jsiru aktar affordabbli. Miżuri regolatorji mmirati (perjodu tranżitorju itwal għal rekwiżiti ġodda, inċentivi mmirati fl-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 tal-vetturi), benefiċċji fiskali (bħal skemi ta' sussidju) u mhux fiskali (bħal spazju għall-parkeġġ riżervat), f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, fejn applikabbli, jistgħu jikkontribwixxu għal affordabbiltà aħjar ta' vetturi elettriċi żgħar. Madankollu, bħalissa ma hemmx definizzjoni legali pprovduta ta' vettura elettriċa żgħira fil-qafas tal-approvazzjoni tat-tip. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi introdotta sottokategorija taħt il-kategorija eżistenti ta' vetturi M1.
- (13) Meta tittieħed deċiżjoni dwar id-dati tal-applikazzjoni ta' rekwiżiti futuri tal-vetturi bil-mutur li jaffettwaw din is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi elettriċi żgħar, jenħtieġ li jitqies l-impatt proporzjonalment oġġla fuq il-kostijiet tal-iżvilupp li r-rekwiżiti l-ġodda jista' jkollhom fuq dawn il-vetturi meta mqabbla ma' dawk itqal u aktar għaljin.
- (14) Kif imħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni Industrijali għas-settur awtomobilistiku tal-UE, il-Kummissjoni għandha toħroġ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni b'għażliet għal skemi ta' inċentivi li wrew li huma effettivi fil-promozzjoni tal-użu ta' vetturi b'emissjonijiet zero u li huma konformi mar-regoli tal-kompetizzjoni. Ir-rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri għal miżuri fiskali (jiġifieri sussidji fuq ix-xiri, eżenzjonijiet mit-taxxa, eżenzjoni mill-pedaġġ stradali) u mhux fiskali (jiġifieri allokkazzjoni tad-drittijiet tal-parkeġġ ibbażata fuq id-daqs, infrastruttura ddedikata għall-irriċċarġjar, eċċ.) jistgħu jkunu bbażati wkoll fuq is-sottokategorija l-ġdida ta' vetturi elettriċi żgħar.

---

<sup>48</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi Kodiċi tan-network dwar il-Konnessjoni tad-Domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2016/1388/oj>).

<sup>49</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2016/631/oj>).

- (15) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE<sup>50</sup> dwar l-installazzjoni u l-użu ta' regolaturi tal-veloċità eċċessiva għal ċerti kategoriji ta' vetturi jirrikjedu l-installazzjoni u l-użu ta' regolaturi tal-veloċità eċċessiva f'vetturi tal-kategoriji N2 u N3. Skont dak l-Artikolu, tali vetturi jistgħu jintużaw fit-triq biss jekk ikunu mgħammra b'regolatur tal-veloċità eċċessiva. Ir-rekwiżit ta' installazzjoni għie integrat fil-leġiżlazzjoni dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur mar-Regolament (UE) 2019/2144 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
- (16) Minħabba l-piż tal-batterija, il-vetturi kummerċjali ħfief elettriċi bil-batterija jista' jkollhom piż ta' aktar minn 3,5 tunnellati u huma soġġetti għar-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolaturi tal-veloċità eċċessiva, minkejja li għandhom l-istess tagħbija utli u każ ta' użu bħal vetturi kummerċjali ħfief b'magna tal-kombustjoni interna li huma barra mill-ambitu tar-Regolament (UE) 2019/2144. Dak ir-rekwiżit jimponi kostijiet bla bżonn fuq il-manifatturi u fuq l-intrapriżi tal-vetturi li jixtru tali vetturi, u b'hekk inaqqas ir-ritmu taż-żieda fl-għadd ta' vetturi kummerċjali ħfief b'emissjonijiet zero. Għalhekk huwa xieraq li l-vetturi b'emissjonijiet zero tal-kategorija N2 b'massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta' bejn 3,5 u 4,25 tunnellata jiġu eżentati mir-rekwiżit li jkunu mgħammra b'regolatur tal-veloċità eċċessiva.
- (17) Il-manifatturi ta' vetturi tal-kategoriji M1 u N1 huma meħtieġa jwettqu testijiet tal-laboratorju ta' magni f'temperaturi baxxi skont l-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257. Peress li l-kundizzjonijiet tat-temperatura tat-test tal-laboratorju ta' temperatura baxxa għall-emissjonijiet huma koperti mill-inkwinant gassuż u min-numru ta' partikoli (PN) fl-ittestjar fit-triq tat-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali, dan juri li l-konformità tal-emissjonijiet f'kundizzjonijiet ta' temperatura baxxa (f' -7 °C) hija koperta mill-ħtieġa ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali (minn -7 °C sa 38 °C). Għalhekk, biex jitnaqqsu l-kostijiet għall-manifatturi relatati mar-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257, huwa xieraq li jitneħħa dak ir-rekwiżit iddedikat tal-laboratorju b'temperatura baxxa peress li tali tneħħija mhux se tikkomprometti l-istandards ambjentali żgurati mit-test tal-Emissjonijiet f'Sewqan Reali
- (18) L-Anness V tar-Regolament (UE) 2024/1257 jirrikjedi li, għall-ittestjar tal-magna ta' vetturi heavy-duty, jitwettqu testijiet ta' dimostrazzjoni għall-fjuwils applikabbli kollha f'kull tip ta' vettura. Sabiex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-kostijiet amministrattivi relatati ma' dawg it-testijiet mingħajr ma jiġu kompromessi l-istandards ambjentali, huwa xieraq li jiġu introdotti rekwiżiti tat-test fil-livell tal-kategorija tal-vetturi fit-tabelli 1, 2, 3, 4, 7 u 8 ta' dak l-Anness V.
- (19) Ir-Regolament (UE) 2024/1257 jintroduċi sistemi ta' monitoraġġ abbord (OBM) u apparati għall-monitoraġġ abbord tal-konsum tal-fjuwil u/jew tal-enerġija elettrika (OBFCM), li għandhom l-għan li jiffaċilitaw il-kontrolli tal-konformità f'ħin reali, l-isforzi ta' armonizzazzjoni, is-sorveljanza taċ-ċiklu tal-ħajja, it-tnaqqis fl-ispejjeż tal-ittestjar, u miżuri ta' infurzar simplifikati. Sabiex id-data tal-OBM u tal-OBFCM tiġi riċevuta, ipproċessata u maħżuna b'mod effiċjenti, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat li l-għoti tas-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta miżuri ta' implimentazzjoni jkopri wkoll l-adozzjoni ta' metodi u rekwiżiti meħtieġa għall-monitoraġġ tal-konformità tat-tipi ta' vetturi.

<sup>50</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/6/KEE tal-10 ta' Frar 1992 dwar l-istallazzjoni u l-użu ta' apparat li jillimita l-veloċità għal ċerti kategoriji ta' vetturi tal-mutur fil-Komunità (ĠU L 57, 2.3.1992, p. 27, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/6/oj>).

- (20) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza legali wara t-tħassir tar-Regolament (UE) Nru 540/2014 li kien fih dispożizzjoni li tħassar ir-Regolament tal-Kunsill 70/157/KEE<sup>51</sup>, huwa meħtieġ li jiġi previst it-tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE f'dan ir-Regolament. Sabiex il-manifatturi tal-vetturi jingħataw biżżejjed żmien biex jaġġustaw il-proċessi tal-produzzjoni tagħhom, huwa xieraq li jiġi previst il-perjodu tranżitorju li matulu l-vetturi jkunu għadhom jistgħu jiġu approvati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 540/2014,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 561/2006

L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 huwa emendat kif ġej:

- (1) jiddaħħal il-punt (fa) li ġej:

“(fa) vetturi użati għat-trasport ta’ merkanzija u mmexxija permezz tal-elettriku, li l-massa massima permissibbli tagħhom, inkluż il-massa ta’ trejler jew semitrejler, tkun aktar minn 3,5 tunnellati iżda ma tkunx aktar minn 4,25 tunnellati;”;

- (2) jiżdied il-punt (s) li ġej:

“(s) karavans bil-mutur, kif definiti fil-Parti A, il-punt 5.1, tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/858, użati esklużivament għat-trasport mhux kummerċjali.”.

### *Artikolu 2*

Emendi għar-Regolament (UE) 2018/858

Ir-Regolament (UE) 2018/858 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 5, jiddaħħal il-paragrafu 4 li ġej:

“4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 82 li jissupplimentaw dan ir-Regolament billi jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi fir-rigward tal-interfaċċa tal-komunikazzjoni u tal-hardware ta’ vetturi purament elettriċi (PEV, Pure Electric Vehicles) u ta’ vetturi elettriċi ibridi li jiġu ċċarġjati esternament (OVC-HEV, Off-Vehicle Charging Hybrid Electric Vehicles) mal-infrastruttura tal-irriċarġjar, mal-grilja elettrika u mas-sistemi tal-elettriku stazzjonarji li kapaċi jappoġġaw funzjonalitajiet ta’ rriċarġjar intelliġenti u bidirezjonali.”

- (2) l-Annessi I u II huma emendati f'konformità mal-Anness II ta’ dan ir-Regolament.

### *Artikolu 3*

Emendi għar-Regolament (UE) 2019/2144

Fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 2019/2144, jiddaħħal il-paragrafu 5a li ġej:

---

<sup>51</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE tas-6 ta’ Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jrigwardjaw il-livell permissibbli tal-ħoss u tas-sistema tal-exhaust tal-vetturi bil-mutur (ĠU L 42, 23.2.1970, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1970/157/oj>).

“5a. Il-vetturi tal-kategorija N<sub>2</sub> imħaddma permezz tal-elettriku, b’massa massima mgħobbija teknikament permissibbli ta’ bejn 3,5 u 4,25 tunnellata, ma għandhomx ikunu meħtieġa li jkunu mgħammra b’regolaturi tal-veloċità eċċessiva f’konformità mar-Regolament tan-NU Nru 89.”.

#### *Artikolu 4*

##### Emendi għar-Regolament (UE) 2024/1257

Ir-Regolament (UE) 2024/1257 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 14(4), il-punt (j) huwa sostitwit b’dan li ġej:  
“(j) il-metodi, ir-rekwiżiti u t-testijiet, inkluż il-limiti tal-konformità, sabiex tiġi żgurata l-prestazzjoni tal-apparati OBFCM, is-sistemi OBD u OBM u s-sensuri ta’ tali apparati u sistemi, għal komunikazzjoni barra l-vettura tad-data rreġistrata minn tali apparati u sistemi, inkluż għall-fini tal-monitoraġġ tal-konformità tat-tipi ta’ vetturi;”;
- (2) L-Anness V huwa emendat f’konformità mal-Anness I ta’ dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 5*

##### Tħassir

1. Ir-Regolament (UE) Nru 540/2014 jitħassar.
2. Id-Direttiva 70/157/KEE hija mħassra b’effett mill-1 ta’ Lulju 2027.

#### *Artikolu 6*

##### Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

Ċertifikat tal-konformità għal vetturi ġodda prodotti wara [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan ir-Regolament] u approvati qabel l-1 ta’ Lulju 2028 f’konformità mar-Regolament (UE) 540/2014 għandhom jibqgħu validi għall-finijiet tal-Artikoli 48 u 49 tar-Regolament (UE) 2018/858.

#### *Artikolu 7*

##### Dhull fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika [mill-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*]. Madankollu, l-Artikolu 3 għandu japplika minn ...[id-data tat-traspożizzjoni fil-proposta li temenda d-Direttiva 92/6]

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*

## **DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA**

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA .....	3
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva .....	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) .....	3
1.3.	Objettiv(i).....	3
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali .....	3
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi.....	3
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija .....	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni .....	3
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma': .....	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva.....	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva .....	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, pereż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettività jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqsim, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.....	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi.....	4
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra.....	5
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni .....	5
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha.....	6
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i).....	6
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI .....	8
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar.....	8
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll .....	8
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta .....	8
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom .....	8
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq).....	8
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet.....	9
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA.....	10

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	10
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet .....	12
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali .....	12
3.2.1.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat .....	12
3.2.1.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	17
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat minn approprjazzjonijiet operazzjonali.....	22
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi .....	24
3.2.3.1.	Approprjazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	24
3.2.3.2.	Approprjazzjonijiet minn dħul assenjat estern.....	24
3.2.3.3.	Total tal-approprjazzjonijiet.....	24
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani .....	25
3.2.4.1.	Iffinanzjati mill-baġit ivvutat .....	25
3.2.4.2.	Iffinanzjati minn dħul assenjat estern .....	26
3.2.4.3.	Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani .....	26
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	28
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali .....	28
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	28
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	29
4.	DIMENSIJONIJIET DIĠITALI .....	29
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali .....	30
4.2.	Data .....	30
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali .....	31
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	31
